MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 2322/2002

**L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**SMW Cortis Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u disghin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm992.18) rapprezentanti spejjes inkorsi mill-Awtorita' attrici sabiex jigi nfurzat l-Avviz tat-Twettiq numru ECF 499/99.
Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont reklamat m'huwiex dovut u s-socjeta' konvenuta ma wettqet ebda nfrazzjoni kif allegat.
2. Inoltre l-eccipjenti m'ghandhiex taghti l-ammont pretiz.
3. Bla pregudizzju ghas-suecepit l-azzjoni attrici ma kienitx gustifikata u saret inutilment billi l-eccipjenti kienet qablet li tnehhi l-canopy temporanja tal-injam u kellha tigi avzata sabiex taghmel dan bla hitega li jsir mill-attrici.
4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-ammmont pretiz huwa eccessiv u m'huwiex gustifikat jew gustfikat kollu.
5. Salv eccezzjonijiet ohra meta l-attrici tispjega dettaljatament il-pretensjonijiet taghha.

Sema' x-xhieda ta' Andrew Martin, Johann Buttigieg, Jonathan Orlando, Albert Mizzi, Joe Cortis u tas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Edwin Vassallo. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-Awtorita' atttrici.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsiidra:

L-ammont li jifforma l-kawza odjerna jirrigwarda spejjes inkorsi mill-Awtorita' attrici sabiex jigi nfurzat Avviz ta' Twettiq (a fol. 2 tal-process) mahrug mill-Awtorita' attrici f'isem Joseph Cortis ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kovenuta. Mill-provi rrizulta li fil-11 ta' Gunju 1999 is-socjeta' konvenuta kienet giet notifikata b'Enforcement Notice mahrug mill-Awtorita' attrici (ECF499/99) rigwardanti canopy tal-injam li kien inbena fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta minghajr il-permessi mehtiega. Irrizulta wkoll li ma gie ntavolat ebda appell quddiem l-awtoritajiet kompetenti mis-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwarda dan l-Enforcement Notice u l-anqas ma saret xi applikazzjoni sabiex il-posizzjoni tigi sanata. L-kaz ghalhekk gie riferut lid-Direct Action Unit fi hdan l-Awtorita'

attrici sabiex jittiehdu passi biex ix-oghlijiet indikati fl-Avviz ta' Twaqqif u Twettiq isiru. Din l-azjoni ta' twettiq saret f'zewg okkazzjonijiet, u cioe' fit-18 ta' Novembru 1999 u fis-16 ta' Frar 2000.Is-sorte fil-kawza odjerna jirrigwarda biss l-ispejjes inkorsi mill-Awtorita' attrici fit-tieni okkazzjoni, u cioe' fis-16 ta' Frar 2000. Jidher li l-azzjoni tat-twettiq kellha ssir f'zewg okkazzjonijiet peress li fl-ewwel okkazzjoni wara li kien diga' nbeda x-xoghol, l-Awtorita' attrici giet notifikata b'rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni li sar mis-socjeta' konvenuta, liema rikors gie milqugh provizorjament. Sussegwentement l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni gie cedut mis-socjeta' konvenuta (ara fol. 19) u ghalhekk l-Awtorita' attrici procediet sabiex tkompli bl-attwar tal-Avviz ta' Twettiq.

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li l-ammont mitlub mill-Awtorita' attriici m''huwiex dovut principalment ghaliex l-azzjoni mehuda ma kienitx mehtiega u anki ghaliex l-ispejjes inkorsi mill-Awtorita' attrici sabiex jigi attwat l-Avviz ta' Twettiq ma kienux ragonevoli.

Skond is-socjeta' konvenuta l-Awtorita' attrici kellha l-obbligu li tipprova li hija kellha d-dritt taghmel l-ispejjes u titlobhom minghand is-socjeta' konvenuta u cioe' li turi li x-xoghol rigwardanti l-kostruzzjoni tal-canopy temporanja kien jirrikjedi permess. Kif diga' inghad aktar il-fuq is-socjeta' konvenuta naqset milli tappella mill-Enforcement Notice mahrug fil-konfronti taghha, u cioe' naqset milli tuzufruwixxi mir-rimedji ordinarji moghtija lilha mill-Att numru 1 tal-1992 sabiex tattakka l-azzoni mehuda mill-Awtorita' attrici. Din il-kwistjoni li issa qed tissolleva quddiem dan it-Tribunal setghat, u kellha, tigi sollevata f'dawk il-proceduri li s-socjeta' konvenuta ghazlet li ma taghmilx u ma jistghux jigu sollevati issa quddiem dan it-Tribunal. L-istess jinghad in kwantu jirrigwarda dak sottomess mis-socjeta' konvenuta fin-Nota ta' Sotttomissjonijiet taghha fejn hija donna trid timplika li m'hijiex il-legittimu kontradittur, anki jekk hija ma ssollevatx din l-eccezzjoni fir-Risposta taghha. Is-socjeta' konvenuta taghmel referenza ghall-Artikolu 55A(4) tal-Att 1 tal-1992, liema Artikolu jispecifika li l-Awtorita' attrici ghandha dritt tirkupra l-ispejjes minnha nkorsi bhala dejn

civili minghand il-persuna li f'dak iz-zmien tkun is-sid tal-art. Is-socjeta' konvenuta tirritjeni li f'dawn il-proceduri l-Awtorita' attrici ma ppruvatx min kien is-sid tal-art fejjn saru x-xoghlijiet bla permess. Fil-fehma tat-Tribunal f'dawn il-proceduri l-Awtorita' attrici pruvat soddifacentement li hija kellha d-dritt li taghmel l-ispejjes u titlobhom minghand is-socjeta' konvenuta. Hija fil-fatt pruvat li nhareg Avviz ta' Twettiq fil-konfronti tas-socjeta' konvenuta, li din tal-ahhar ma utilizzatx ir-rimedji ordinarji moghtija lilha mill-ligi sabiex tattakka dan l-Avviz ta' Twettiq u li l-istess Awtorita' ghalhekk kienet intitolata li tipprocedi billi tiehu l-azzjoni,, kif fil-fatt ghamlet, biex tassikura li jitwettqu x-xoghlijiet indikati fl-Avviz ta' Twettiq u dan peress ll s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel l-imsemmija xoghlijiet.

Is-socjeta' konvenuta ssottomettiet ukoll li l-ispejjes inkorsi mill-Awtorita' attrici ma kienux mehtiega peress li hija kienet accettat li thott hi stess il-canopy f'kaz li r-rapprezentazzjonijiet li hija ghamlet quddiem l-Awtorita' u lis-Segretarju Parlamentari ghall-Intraprizi z-Zghar kienu ser ifallu. Kull ma rrizzulta mill-provi fil-fatt kien li s-socjeta' konvenuta talbet estensjoni lill-Awtorita' attrici sabiex hija teffetwa x-xoghlijiet, liema estensjoni inghatatilha fis-sens li l-Awtorita' kkonceditilha sal-15 ta' Jannar 2000 sabiex tizmonta l-canoopy (ara xhieda ta' Joe Cortis tat-23 ta' Gunju 2003). Nonostante cio' is-socjeta' konvenuta naqset milli tnehhi l-canopy u minflok kellmet lis-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo sabiex huwa jintervjeni mal-Awtorita' attrici ssabiex il-canopy ma titnehhiex. Mix-xhieda moghtija minn dan tal-ahhar fis-6 ta' Ottubru 2003 jirrizulta li effettivament is-socjeta' konvenuta kienet talbet l-ghajnuna tas-Segretarju Parlamentari sabiex huwa jintervjeni mal-Awtorita' atttrici bl-iskop li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet sabiex tigi regolarizzata s-sitwazzjoni u s-socjeta' konvenuta tkun tista'' tkompli tutilizza l-canopy tal-injam izda mill-istess xhieda jirrizulta wkoll li s-Segretarju Parlamentari ma kellu ebda setgha li jiehu decizjonijiet ghan-nom tal-Awtorita' jew minflokha. L-intervent tas-Segretarju ma kienx effettiv fis-sens li l-Awtorita' attrici ma emendatx id-decizjoni taghha u ma kkoncediet ebda estensjoni ulterjuri

u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ma kellha ebda dritt tassumi li l-effetti tal-Avviz tat-Twettiq kienu gew sospizi indefinittivament oltre l-estensjoni lilha koncessa, u cioe’ dik sal-15 ta’ Jannar 2000. Hija giet avzata li l-Awtorita’ kienet sser tipprocedi biex tesegwixxi l-Avviz tat-Twettiq u ghalhekk kieku riedet setghat smontat hija stess il-canopy qabel id-data lilha ndikata. Una volta li hija naqset milli taghmel dan l-Awtorita’ attrici kienet intitolata li tkompli hi bl-azzjoni ta’ twettiq.

L-Artikolu 55A(4) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta taghti lill-Awtorita’ attrici id-dritt li tirkupra l-ispejjes kollha ragonevolment inkorsi minnha fl-azzjoni ta’ twettiq. Mill-provi prodotti jidher li l-ispejjes inkorsi mill-Awtorita’ attrici fis-16 ta’ Frar 2000 gew ragonevolment inkorsi salv ghall-ammont ta’ Lm65.50 mitlub minnha in kwantu jirrigwarda l-pagi tal-ufficjali taghha lli kienu fuq il-post. Is-socjeta’ konvenuta gjustament isostni li l-ufficjali tal-Awtorita’ kienu qed jagixxu fil-kors normali tax-xoghol taghhom u li huma kienu ser jithallsu anki kieku ma saritx l-azzjoni ta’ twettiq in kwsitjoni. IT-Tribunal jaqbel lli dan l-ammont ma jistghax jitqies li jikkostitwixxi spiza nkorsa mill-Awtorita’ attrici bhala konsegwenza diretta tal-azzjoni ta’ twettiq mehuda mill-Awtorita’ u ghalhekk dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-ammont mitlub minnha bhala sorte fil-kawza odjerna.

In kwantu jirrigwarda s-sottomissjonijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta fin-nota taghha koncernanti l-biilanc mitlub it-Tribunal jidhitrlu li dawn huma nfondati. Ma giex pruvat li l-apparat utilizzat mill-Awtorita’ ma kienx necessarju u l-anqas li n-numru ta’ haddiema tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet li kienu mpjegati sabiex tigi smantellata l-canopy kien eccessiv. Inoltre jidher li l-intervent tal-pulizija bhala mizura kawteatorja kien opportun specjalment meta wiehed jikkunsidra li fl-okkazzjoni precedenti fejn l-Awtorita’ attrici kienet inizzjat l-azzjoni tat-twettiq, is-socjeta’ konvenuta kienet waqfitha permezz tal-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament fl-ammont ta’ disa’ mija u sitta u

ghoxrin lira Maltin u tmienja u sittin entezmu (Lm926.68) u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Awtorita' attrici din is-somma ta' disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sittin entezmu (Lm926.68), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas efettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------